**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Mejju 2025**

Rikors Numru 526/2024 AL

A B C

u

D E

(M.R. Numru 1227/2014)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors konġunt li ġie kkonfermat bil-ġurament mill-partijiet li permezz tiegħu esponew:

1. Illi l-kontendenti partijiet zzewgu nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) fil-Knisja Parrokjali tal-Mellicha [Vide Dok. A].

Illi minn dana z-zwieg ma' twieled l-ebda wild,

Illi l-istess partijiet huma legalment separati permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni Personali Konsenswali ppublikat fl-Atti tan-Nutar Dr Veronica Mizzi Young nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) [Vide Dok. B].

Illi l-istess partijiet ilhom jgħixu separatment minn xulxin ghal diversi snin.

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta manteniment.

Illi ma' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante li minbarra li ilhom mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin,

Illi l-Kommunjoni tal-Akkwisti giet xolta permezz tal-istess Kuntratt ta' Separazzjoni Konsenswali su-citat fl-Atti tan-Nutar Dr Veronica Mizzi Young nhar is-sebgha u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018);

Illi l-istess partijiet qiegħdin jipprezentaw kopji tal-Affidavits taghhom li qiegħdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. AMG01 u Dok. WS01.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-Divorzju skont l-Artikolu Sitta u Sittin Ittra Kapitali B (66B) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-esponenti jafu b'dawna l-fatti personalment,

Talbu lil dina l-Qorti sabiex:

a) 1 Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta bejn il-kontendenti partijiet,

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-istess partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Novembru, 2024;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Marzu 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.